



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

**2010/2142(DEC)**

17.3.2011

# RAPPORT

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza 2009: Baġit ġenerali tal-UE, Taqsima III - Il-Kummissjoni u l-Aġenziji Eżekuttivi  
SEC(2010)0963 – C7-0211/2010 – 2010/2142(DEC)

Rapporteur għal opinjoni: Véronique De Keyser

PA\_NonLeg

PE460.660v02-00

2/4

AD\860620MT.doc

**MT**

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jitlob lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrimarka li, fir-rapport tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena 2009, il-Qorti tal-Awdituri tosserva "li l-pagamenti għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 għall-grupp tal-politika, l-Għajnuna Esterna, l-Iżvilupp u t-Tkabbir ġew milquta minn żbalji materjali"<sup>1</sup>; huwa mħasseb dwar il-fatt li l-iżbalji huma relatati mal-eliġibbiltà kif ukoll l-irregolaritajiet fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku, li huma l-oqsma l-aktar vulnerabbli għall-ġestjoni ħażina u l-frodi<sup>1</sup>;
2. Jilqa', fir-rigward tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet għall-infıq fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni, iż-żieda fil-frekwenza tat-tranżazzjonijiet meqjusa "regolari" għal kollo mill-Qorti meta mqabbla maċ-ċifri tal-2008 u tal-2007;
3. jilqa' wkoll l-introduzzjoni fl-2009 ta' proċeduri u listi ta' kontroll ġoddha li ppermettew li jissaħħew l-proċeduri ta' kontroll ex-ante fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni (DĠ RELEX);
4. Jirrimarka li, fil-kuntest tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK), l-azzjoni tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet diffiċċi (Stati fragħi, xenarji ta' wara kunflitt, dgħufija tal-gvernijiet waqt tranżizzjoni demokratika) qatt mhija mingħajr riskju u li l-marġni ta' żball, f'sitwazzjonijiet eċċeżżjonali ħafna, jista' jkun ittollerat meta dan huwa ġġustifikat mir-rieda politika li jiġu promossi l-istabbiltà, id-demokrazija u l-preminenza tal-liġi;
5. Jinsisti, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-PESK u tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difīza (PESD), fuq il-fatt li l-Parlament ikun informat malajr bl-objettivi u l-ġhażliet tal-missjonijiet sabiex ikun jista' jifformula aħjar ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà;
6. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni nefqet EUR 396 000 000 bejn l-2007 u l-2010 biex tagħti sostenn lill-pajjiżi kandidati għall-adeżżoni fl-isforzi tagħhom fit-titjib tas-sistemi ġudizzjarji u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u jilqa' l-progress li sar f'dan ir-rigward; iwissi, madankollu, kontra ottimiżmu eċċessiv u jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi provi li juru li dan l-ammont ta' flus intefaq b'mod effiċċenti u tiddikjara jekk strutturi ta' kontroll imtejba jwasslux effettivament għal żieda fis-sanzjonijiet kontra atturi korrotti, fosthom każiżiet bi profil għoli, jekk il-liġijiet humiex implementati bis-sħiħ, u jekk ir-riformi humiex qed jingħataw sostenn;
7. Jinnota l-użu li dejjem qed jikber tal-ġestjoni konġunta fil-Faċilità tal-Ikel u jistieden id-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili (DĠ ECHO) jirrapporta dwar l-esperjenza tiegħu fl-implimentazzjoni tal-Faċilità tal-Ikel fir-rapport annwali dwar l-attività tiegħu għall-2010.

<sup>1</sup> ĠU C 303, 9.11.2010, p. 146.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	16.3.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:
	53 1 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Gabriele Albertini, Pino Arlacchi, Bastiaan Belder, Frieda Brepoels, Elmar Brok, Marietta Giannakou, Andrzej Grzyb, Richard Howitt, Ioannis Kasoulides, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Paweł Robert Kowal, Eduard Kukan, Alexander Graf Lambsdorff, Vytautas Landsbergis, Ryszard Antoni Legutko, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Ulrike Lunacek, Barry Madlener, Willy Meyer, Francisco José Millán Mon, María Muñiz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Ria Oomen-Ruijten, Justas Vincas Paleckis, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Pașcu, Bernd Posselt, Cristian Dan Preda, Fiorello Provera, Libor Rouček, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Nikolaos Salavrakos, Jacek Saryusz-Wolski, Werner Schulz, Ernst Strasser, Hannes Swoboda, Charles Tannock, Inese Vaidere, Kristian Vigenin, Graham Watson
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	John Attard-Montalto, Malika Benarab-Attou, Véronique De Keyser, Liisa Jaakonsaari, Evgeni Kirilov, Jacek Protasiewicz, Potito Salatto, Alf Svensson, Luis Yáñez-Barnuevo García, Janusz Władysław Zemke
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marije Cornelissen, Marie-Christine Vergiat

<sup>1</sup> ĠU C 303, 9.11.2010, p. 140.